TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Illum 15 ta' April, 2026

**CCT 48/26/MS**

| | | |
|---|---|---|
| **Prof. Eleanor Scerri** | **vs.** | **Crispin Grima** |

**Rikorrenti:** **Prof. Eleanor Scerri**

**Intimat:** **Crispin Grima**

***VERBAL***

Meta ssejjħet il-kawża deheret biss ir-rikorrenti Prof. Eleanor Scerri. L-intimat imsejjaħ tliet darbiet ma deherx għalkemm debitament notifikat bl-avviż tat-talba u smiegħ.

Xehedet Prof. Eleanor Scerri bil-ġurament.

It-Tribunal ra il-korrespondenza bejn ir-rikorrenti u ir-rappreżentanta tal-MCCAA Tania Chetcuti, fejn l-istess ikkonferma illi l-intimat kien aċċetta li jmur fuq il-post biex jinstalla it-tank.

In vista tal-fatt illi l-intimat ma deherx u lanqas għamel risposta, it-Tribunal ma għandux il-konfort ta' verżjoni oħra illi jikkuntrasta dak li xehedet il-Professur Eleanor Scerri.

Illi it-Tribunal ma għandux għalfejn jiddubita mix-xhieda tal-Professur Eleanor Scerri u id-depożizzjoni tagħha hija vera simili u anki ikkorraborata.

Wara li ra l-atti kollha, semgħet ix-xhieda bil-ġurament, it-Tribunal jidhirlu illi it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi milqugħa fl-intir tagħha.

Ingħatat sentenza.

Għal daqstant wara li t-Tribunal ra l-atti tat-Talba kif ukoll dak li jiddisponi r-regolament 12.1 tal-LS 378.01, iqis li l-intimat naqas milli jattendi għas-seduta bla ġustifikazzjoni u bl-operazzjoni tal-istess regolament, qed jaqta u jiddeċiedi illi jilqa' it-talba rar-ikorrenti u konsegwntement jikkundanna lil intimat iħallas lir-rikorrenti is-somma ta' ħames mijja u disa ewro u ħamsin ċenteżmu (€509.50).

L-ispejjeż kollha kontra l-intimat.

B'hekk tingħalaq din t-Talba.

**Justine Bezzina**
**Segretarja tat-Tribunal**

Prof. Eleanor Scerri bil-ġurament.

Nikkonferma l-avviż tiegħi bil-ġurament. Jiena m'għandix messaġġi bil-miktub għax kien qalli li ma jafx jikteb u jaqra. Darba kien ġie għandi u beda jiġi bl-iskużi għax kellu l-mara tiegħu l-isptar u jiena kont ktibt xi ħaġa li qed neżebixxi u hu kien qalli li il-€500 li kienu dovuti dawn kien tagħhom il-xi ħadd ieħor biex iġiblu it-tank u ma kienx ġabulu u l-istorja dejjem tinbidel. Jien kont tgħajtu flus cash u għalhekk m'għandi xejn x'nuri.